



EBA/GL/2022/13

---

12 ta' Ottubru 2022

---

## Linji gwida

---

Li jemendaw il-Linji gwida EBA/GL/2018/10 dwar id-divulgazzjoni ta' skoperturi improduttivi u tollerati

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

---

## L-istatus ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010<sup>1</sup>. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 16.01.2023. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2022/13". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe tibdil fl-istatus tal-konformità jrid jiġi rrapportat ukoll lill-EBA.
4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

---

<sup>1</sup> Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

## 2. Implimentazzjoni

---

### Data ta' applikazzjoni

5. Dawn il-linji gwida japplikaw mill-31 ta' Diċembru 2022.

## 3. Emendi

---

6. Il-paragrafu 6 tat-Taqsima 2 ta' EBA/GL/2018/10 huwa emendat kif ġej:

Dawn il-linji gwida japplikaw għal istituzzjonijiet ta' kreditu li huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni kollha, jew parti minnhom, speċifikati fil-Parti Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 f'konformità mal-Artikoli 6, 10 u 13 tal-istess Regolament u li huma kklassifikati bħala:

- a. istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi kif iddefinit fil-punt 145 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 575/2013 li huma istituzzjonijiet elenkati, u
- b. istituzzjonijiet oħra (jiġifieri li mhumiex istituzzjonijiet kbar jew żgħar u mhux kumplessi) u li huma istituzzjonijiet mhux elenkati kif iddefinit fil-punt 148 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

7. Il-paragrafu 9 tat-Taqsima 2 ta' EBA/GL/2018/10 huwa emendat kif ġej:

Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma kklassifikati bħala:

- a. istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi kif iddefinit fil-punt 145 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 575/2013 li huma istituzzjonijiet elenkati, u
- b. istituzzjonijiet oħra (jiġifieri li mhumiex istituzzjonijiet kbar jew żgħar u mhux kumplessi) u li huma istituzzjonijiet mhux elenkati kif definiti fil-punt 148 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.